MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 1009/2005

**Mirage Holdings Limited (C-6808)**

**vs**

**Patricia Ellul Sullivan**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1358.00) dovuta bhala prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenuta u kkonsenjata lilha, in kwantu ghas-somma ta' elf mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1258.00), u mitt lira Maltin (Lm100.00) bhala imghax legali bir-rata legali fuq l-istess.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-22 ta' Marzu, 2006, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1358.00) bl-imghaxijiet legali ulterjuri mill-20 ta' Frar, 2006 sad-data tal-effettiv pagament.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------